MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 780/2003

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datat 30 ta’ Lulju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti bdew johorgu flimkien fl-1 ta’ Ottubru 1998 u sussegwentement fit-2 ta’ Novembru 1999 kellhom tarbija, “C”, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok. “A”;

Illi sa minn April 1999 il-kontendenti bdew jghixu taht l-istess saqaf u cioe' fil-fond 19, ""A"", Triq Santa Marija, Mellieha, appartenenti lill-familja tal-attrici;

Illi l-konvenut mill-bidu nett ma wera ebda interess fit-tarbija tieghu tant illi sa minn qabel it-twelid tal-imsemmija tarbija huwa kien jistqarr li hu kien guvni u bandiera bajda u li meta jfettillu seta' jitlaq u jhalli lill-attrici u t-tarbija jfendu ghal rashom;

Illi anke wara t-twelid tal-minuri "C" l-konvenut ma kien juri ebda affett lejh anzi ghall-kuntrarju kien goff hafna fil-manjieri tieghu mal-istess minuri, jghajjat mieghu u jcanfru b' mod eccessiv, jerfa' jdejh fuqu u anke jwiddbu billi jaqflu f' kamra mudlama, u dan anke ghall-icken nuqqas da parti tat-tarbija illi llum ghad ghandu tliet (3) snin;

Illi ta' spiss ukoll il-konvenut kien jghajjat u jcanfar b' mod goff lill-attrici fil-prezenza ta' l-istess minuri;

Illi dan l-agir kellu effett negattiv hafna fuq il-minuri "C" illi per konsegwenza spicca trawmatizzat;

Illi xi xhur ilu l-konvenut qabad u telaq mill-post fil-Mellieha fejn hu kien jghix mal-attrici u l-minuri "C" u mar lura jghix ma' ommu f' Birkirkara;

Illi minn dak iz-zmien 'l hawn il-konvenut ma kkontribwixxa xejn versu l-manteniment tal-minuri ibnu "C";

Illi l-konvenut jahdem bhala *'nursing aid'* fl-Isptar Monte Carmeli u jippercepixxi paga tajba hafna ta' 'l fuq minn hames mitt lira Maltija (Lm500) fix-xahar netti;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Taffida l-kura u kustodja tal-minuri "C" esklussivament f' idejn l-attrici;

2. Tiddikjara illi fic-cirkostanzi ottenenti m'huwiex fl-interess ta' l-istess minuri "C" illi l-konvenut jinghata access ghall-istess minuri;

3. Tordna, fin-nuqqas illi tigi akkolta t-tieni talba attrici, illi kwalsijasi access illi jista' jinghata jkun wiehed strettament supervizjonat u taghti dawk il-provvedimenti mehtiega fl-interess ta' l-istess minuri;

4. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas ta' retta alimentari ghall-minuri ibnu "C";

5. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici retta alimentari a favur tal-minuri "C" skond il-mezzi ta' l-istess konvenut u l-htigijiet ta' l-istess minuri;

6. Tillikwida dik is-somma dovuta mill-konvenut lill-attrici bhala hlas ta' retta alimentari ghall-minuri "C" sad-data tal-ghoti tas-sentenza;

7. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici dik is-somma kif likwidata;

8. Tordna illi l-hlas tar-retta alimentari jigi dedott direttament mis-salarju tal-konvenut;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti a fol 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti konsistenti fic-certifikat tat-twelid tal-minuri li twieled fit-2 ta' Novembru 1999.

Rat id-digriet ghall-prezentata ta' l-affidavits moghti fit-8 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet erbghin (40) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit bil-mod kif indikat fl-istess digriet a fol. 7 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datat 16 ta' Ottubru 2003, a fol. 12, fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx illi l-ewwel tlitt talbiet tal-attrici ghandhom jigu milqugha u dana peress illi kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza, l-attrici ma hijiex persuna kapaci trabbi lill-minuri Leon Spiteri u ghalhekk fl-ahjar interess tal-minuri jkun aktar ghaqli, jekk il-kura u kustodja tal-imsemmi minuri tkun wahda kongunta bejn il-kontendenti;

2. Illi l-eccipjenti jissottometti illi l-access li huwa ghandu jkun wiehed li jigi identifikat bi granet u hinijiet u jkun wiehed normali bhal ma' jkollu kull missier ma' uliedu u dana peress illi dak li qed tallega l-attrici fuq l-eccipjenti huwa kollu fabrikazzjoni ta' fatti li qatt ma' ezistew u li l-eccipjenti ghandu relazzjoni eccellenti mal-minuri. Illi l-attrici ilha zmien tinjora digrieti ta' access moghtija minn Qrati kompetenti u minhabba fin-nuqqas ta' access il-minuri qed jigi deliberament distakkat mill-missier;

3. Illi l-eccipjenti ghandu paga bazika li hija ferm anqas minn dak li qed tghid l-attrici u l-eccipjent qieghed presentement ihallas retta alimentari minghajr ebda xkiel, b' hekk l-istess manteniment ma ghandux ghalfejn ikun dedott mill-paga tal-esponenti, li da parti tieghu huwa dispost li jhallas manteniment basta dan ikun wiehed li skond il-ligi jirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri;

4. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol 13 u fol 14 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici **"A"** datata 20 ta' Ottubru 2003, a fol 16, li permezz taghha esibiet l-affidavit taghha stess, ta' ommha **"D"**, tan-nanna tal-attrici **"E"** u ta' missier l-attrici **"F"**.

Rat in-nota tal-konvenut **Jospeh Spiteri** datata 21 ta' Novembru 2003, a fol 26, li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' **"G"**, ta' **"H"**u tieghu stess.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Dicembru 2003, fejn il-konvenut mistoqsi mill-Qorti ddikjara li jaqla Lm400 "net" fix-xahar, u jahdem bhala *"nursing aid"* fid-Dipartiment tas-Sahha, u li dan huwa l-uniku ntrojtu li ghandu. Il-Qorti nnominat lil Dr Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju w ordnatilha tiffissa zewg seduti ghal kull parti sal-ahhar ta' Frar 2004 u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta’ Marzu 2004.

Rat in-nota tal-konvenut, datata 5 ta’ Dicembru 2003, a fol. 38 fejn hemm indikat b’dokument datat 30 ta’ Gunju 2003 li l-istess konvenut ghandu paga annwali ta’ Lm4,926 kollox kif jidher mic-certifikat a fol. 39 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut (1) datat 5 ta’ Dicembru 2003, a fol. 42, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha takkorda access aktar frekwenti lill-esponenti u dana taht kull direttiva li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-digriet datat 10 ta’ Dicembru 2003, fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti jipprezenta nota guramentata tal-konvenut b’terminu ta’ ghaxart (10) ijiem, inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata tax-xhieda tieghu fil-kawza u giet ordnata n-notifika tal-istess atti, ta’ dan id-digriet u r-rikors u l-kontro-parti nghata jumejn zmien ghar-risposta.

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat l-1 ta’ Lulju 2003 Digriet Numru 841/2003 fejn il-konvenut gie akkordat access ghall-minuri b’supervizzjoni kull nhar ta’ Hamis mill-5.00.p.m. sat-8.00.p.m. taht is-supervizzjoni ta’ *social worker* mill-Agenzija Appogg u ordnat lill-missier il-minuri hallas retta alimentari ta’ Lm10 fil-gimgha ghall-istess minuri kollox kif jidher minn kopja ta’ l-istess digriet a fol. 43 sa 45 tal-process u kif jirrizulta mill-atti tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, digriet moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi.

Rat in-nota tal-konvenut datata 14 ta’ Jannar 2004 a fol. 57 fejn indika li baqa’ bhala xhieda biss xhieda *viva voce.*

Rat ir-risposta tal-attrici datata 19 ta’ Frar 2004, minn fol. 59 sa fol. 83 fejn ghamlet referenza ghall-atti tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili fl-atti tar-rikors numru 1478/2003 fl-ismijiet **““A” vs “B””** u ghar-rapport ta’ Mariella Blackman B.A. (Hons) M.Sc.Psy (London) BPsS datat 15 ta’ Jannar 2004 esebiet bhala Dok. “A” a fol. 61 tal-process u d-digriet moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopordi Numru 184/2004 datat 17 ta’ Frar 2004 fejn ordna lill-konvenut ihallas manteniment ta’ hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha ghall-minuri b’effett mill-1 ta’ Marzu 2004 u ordnat li l-access jibqa’ l-istess kif kien sa’ dak iz-zmien u rrevokat id-digriet numru 841/2003 fejn l-istess ma qabilx ma’ dak hawn indikat. Tali digriet gie moghti mill-istess Qorti tas-Sekond’Awla Civili wara l-prezentata ta’ din il-kawza quddiem din il-Qorti.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif presjeduta datat 26 ta’ Frar 2004, fejn f’dak l-istadju l-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut.

Rat ir-rikors (1) tal-attrici datat 1 ta’ Marzu 2004, a fol. 90, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tiffissa seduta ohra quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet datat 2 ta’ Marzu 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba b’ dan li l-attrici kellha zzomm it-terminu u zmien tad-digrieti ghas-smiegh tal-provi.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-2 ta’ Marzu 2004 fejn xehdet **“I” rapprezentata tal-pagi ta’ Mount Carmel Hospital** minn fol. 92 sa fol. 101 tal-process fejn gew esebiti d-dokumenti Dok. “SB 1” fejn jirrizulta li l-konvenut kellu ntrojtu gross fis-sena stima 2002 ta’ Lm8,203.31 6 u Dokument “SB2” fejn jirrizulta li l-istess konvenut kellu ntrojtu gross ta’ Lm8,862.16 ghas-sena stima 2003 u giet esebita l-FS 3 ta’ l-istess konvenut ghas-sena 2003 fejn jirrizulta li l-istess konvenut kellu ammont gross ta’ Lm9,804 u dan permezz tad-Dokument “SB3” a fol. 98 tal-process.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi attrici (gja' fil-fatt iffissati) wara liema seduti l-provi attrici jigu dikjarati maghluqa. Wara dawn is-seduti l-Assistent Gudizzjarju kellha zzomm zewg seduti ohra ghall-konkluzzjoni provi tal-konvenut.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fil-5 ta’ Marzu 2004 fejn xehdet **Janelle Spiteri Cremona** supervisor ma’ l-Agenzija Appogg fit-23 ta’ Marzu 2004 fejn xehdet **Monica Xuereb,** *clinical psychologist* mal-*Child Guidance Clinic* u fil-21 ta’ April 2004 fejn xehed **Paul Gambina rapprezentat tal-Bank of Valletta** .

Rat il-verbal datat 3 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti kkonfermat ghall-ahhar darba d-digriet taghha tal-24 ta' Marzu 2004 u s-seduti kellhom jigu konkluzi sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Settembru 2004.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fil-15 ta’ Gunju 2004 fejn xehdet **Carol Ellul** *co-ordinator tas-supervised access visits* ma’ l-Agenzija Appogg u fis-7 ta’ Lulju 2004 fejn kompliet tixhed **Carol Ellul** u xehdu in kontro-ezami **“G”,** omm il-konvenut u **“H”**. F’din is-seduta Dr. Christopher Cilia ghall-atttrici ddikjara li ma’ ghandux provi izjed.

Rat ir-rikors tal-konvenut (2) datat 21 ta’ Lulju 2004 a fol. 274 B tal-process fejn l-istess konvenut li jizdied l-access tieghu ghall-minuri u li l-access ma jibqax taht supervizjoni.

Rat d-digriet ghan-notifika tas-26 ta’ Lulju 2004.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (2) datat 26 ta’ Lulju 2004, a fol. 276 fejn filwaqt li gabet a konijizzjoni tal-Qorti diversi punti relatati ma’ kura u kustodja, access u manteniment, talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha taghti dawk il-provvedimenti kollha, anke provvedimenti *‘ad interim’*, illi jidhrilha li jkunu xierqa w opportuni fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat <u>3 ta’ Novembru 2005</u> fejn il-Qorti f’dak l-istadju tal-kawza, meta l-kawza kienet allura ghas-sentenza kkonfermat id-digriet vigenti *pendente lite* kemm dwar access u kemm dwar manteniment salv dak li kien ser jigi provdut fis-sentenza finali minn din il-Qorti kollox kif jirrizulta a fol. 282 tal-process.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Lulju 2004, li gie degretat minn din il-Qorti kif diversament preseduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim’Imhallef Dr. Vincent De Gaetano, fejn giet ordnata n-notifikat lill-kontro-parti b’ jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 6 ta’ Awissu 2004, a fol. 280.

Rat id-digriet ta’ l-istess Qorti datat 11 ta’ Awissu 2004 hekk diversament preseduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim’Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghat-13 ta’ Awissu 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Awissu 2004 (fol.282) fejn dehret l-attrici assistita minn Dr. Chris Cilia u l-konvenut assistit minn Dr. Edward Gatt u fejn hemm indikat is-segwenti verbal li:-

*“Il-Qorti wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet u bi qbil ma’ l-istess difensuri thalli dan ir-rikors sine die riappuntabbli fuq talba ta’ xi wiehed mill-partijiet biex jinstema quddiem din il-Qorti meta tkun presjeduta mill-Imhallef li normalment jirrisjedi s-sezzjoni tal-Familja. Ir-rikors gie differit sine die”.*

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 21 ta’ Lulju 2004, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex jibda jara lil ibnu “C” b’mod aktar frekwenti milli f’darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba; illi dan l-access ma jibqax taht supervizjoni, b’ dana illi anke sabiex kulhadd iserrah rasu, l-omm tkun ordnata tiehu okkazjonalment lill-minuri fic-Centru tal-Appogg sabiex ikun hemm *monitoring* ta’ x’qed jigri waqt l-access, dejjem jekk dina r-rigorosita’ tkun ikkunsidrata bhala mehtiega fic-cirkostanzi kif qed jizviluppaw u li jittiehed

kull provvediment li dina l-Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex il-missier igawdi lil ibnu kif jaghmel kull missier iehor.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b’ jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet moghti fil-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2005 (seduta *stante*), fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-21 ta’ Lulju 2004 *stante* li Dr. Edward Zammit Lewis ghall-konvenut irtira l-istess ghaliex il-kwistjoni giet sorvolata ovvjament fil-mori tal-pendenza.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fis-27 ta’ Lulju 2004 fejn xehdet **“I”** li esebiet id-dokument Dok. “SB5” fejn kien hemm indikat il-*breakdown* ta’ l-*overtime* minn Jannar 2004 sa’ l-14 ta’ Lulju 2004 a fol. 293 tal-process

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta’ Settembru 2004, fejn talab bir-rispett li jigu ffissatti granet u hinijiet fejn hu jkun jista’ jara u jiehu lill-minuri “C”.

Rat id-digriet datat, 9 ta’ Settembru 2004 fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta w ordnat ukoll lill-partijiet jew min minnhom biex jindikaw il-granet u l-hinijiet li dwarhom kien sar “qbil”.

Rat in-nota tal-konvenut datata 17 ta’ Settembru 2004, a fol. 303 fejn il-konvenut sostna li jixtieq li jara lil ibnu almenu ghal darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn u u darba fil-*weekend* u li dan l-access ikun wiehed normali.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 17 ta’ Settembru 2004, a fol. 305 u fol. 306.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi datat 24 ta’ Settembru 2005, fejn il-Qorti hekk presjeduta ordnat li r-rikorrenti (il-konvenut) jkollu access ghall-minuri nhar ta’

Erbgha bejn il-5.00 p.m. u 7.00 p.m. u s-Sibt bejn l-10.00 a.m. u nofs inhar.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-28 ta’ Settembru 2004 fejn xehed il-konvenut **“B”**.

Rat in-nota tal-konvenut datata 29 ta’ Settembru 2004 fejn huwa esebixxa kopja ta’ SMS report, kopja ta’ kuntratt ta’ akkwist datat 8 ta’ Jannar 2004 pubblikat minn Nutar Joseph Tabone li bih xtara l-fond 14, Triq Zonqor, Santa Venera bil-prezz ta’ Lm33,000 u li minnhom issellef l-ammont ta’ Lm29,700; u esebixxa kopja ta’ *sanction letter* mill-HSBC plc datata 13 ta’ Ottubru 2003 fejn hemm indikat li kellu jhallas mensilment l-ammont ta’ Lm142 ghar-rifuzzjoni ta’ l-istess self mill-Bank lilu, kollox kif indikat a fol. 322 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fis-26 ta’ Ottubru 2004, fejn ma sar xejn.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 9 ta’ Novembru 2004, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tvajra d-digriet taghha tal-24 ta’ Settembru 2004 fis-sens illi f’okkazzjoni fost il-gimgha l-access ikun wiehed ta’ erba’ (4) sieghat u fil-*weekend* jew is-Sibt jew il-Hadd, l-esponenti jkun jista’ iqatta nofs ta’ nhar shih ma’ ibnu (kif talvolta jaghmlu kwazi l-missirijiet kollha li ghandhom kawzi pendenti quddiem din il-Qorti) u dana bejn il-hinijiet ta’ fil-ghodu sa wara nofs inhar.

Rat id-digriet datat 15 ta’ Novembru 2004, fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b’ gimgha zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 30 ta’ Novembru 2004.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti hekk presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia datat 2 ta’ Dicembru 2004 a fol. 329 tal-process fejn il-Qorti hekk diversament

preseduta rriservat li tipprovdi seduta *stante* wara li tkun semghet il-partijiet jekk ikollhom xi haga ohra xi jzidu.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti hekk kif presjeduta datat 6 ta’ Ottubru 2005 (seduta *stante*) fejn il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rikors tad-9 ta’ Novembru 2004 tad-digriet ta’ l-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia tat-2 ta’ Dicembru 2004 u tar-risposta ta’ l-attrici datata 30 ta’ Novembru 2004 u *in vista* tal-fatt li Dr. Edward Zammit Lewis irtira r-rikors minhabba l-istadju li waslet fih il-kawza, din il-Qorti ddisponiet mill-istess rikors billi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 16 ta’ Novembru 2004, fejn talab li din il-Qorti biex tinnomina espert sabiex jikkonstata illi l-minuri “C” qed issirlu hsara kawza bil-mod kif qed jitrabba minn ommu l-attrici u “D”, liema hsara kienet qed thalli effetti negattivi *viz a vis* il-missier.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Novembru 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti biz-zmien gimgha ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 30 ta’ Novembru 2004.

Rat id-digriet datat 10 ta’ Dicembru 2004 fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia cahdet it-talba kif jidher mid-digriet moghti a fol. 339 tal-process.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fis-17 ta’ Jannar 2005 fejn kompliet tixhed **Carol Ellul** in kontro-ezami u fit-22 ta’ Frar 2005 fejn xehdu **“I”** riprodotta mill-konvenut li esebiet id-Dokument “XY” li jkompri l-perjodu bejn is-17 ta’ Gunju 2004 sal-25 ta’ Frar 2005 kollox a fol. 369 tal-process; **Nazzarena Busuttil** ghan-nom ta’ l-*HSBC Home Loans* (fol.358) li esebit statement tal-*loan account* bhala Dok.

“NB” u Dok. “NB2” sa Dok. “NB14” minn fol. 370 sa fol. 386 tal-process **u l-konvenut “B”**. Fl-istess seduta tat-22 ta’ Frar 2005 Dr. Edward Zammit Lewis ghall-konvenut iddikjara li ma ghandux provi izjed.

Rat il-verbal datat 6 ta’ April 2005 fejn Dr. Michael Camilleri ghall-konvenut talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u ppreffiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi.

Rat ir-rikors tal-konvenut “B” datat 13 ta’ Mejju 2005, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha twessa’ l-access tieghu billi taghtih tlett sieghat fil-gurnata ta’ l-Erbgha u cioe’ mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m. u alternattivament u bi pre-avviz fil-gurnata tas-Sibt jew il-Hadd mill-11.00 a.m. sal-4.00 p.m. u dana taht il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 21 ta’ April 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b’ jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 20 ta’ Mejju 2005.

Rat id-digriet datat 30 ta’ Mejju 2005, fejn cahdet it-talba f’ dan l-istadju u stenniet lill-partijiet bl-assistenza tad-diffensuri biex jaqblu fuq l-access tal-minuri, haga li kien imesshom ilhom li ghamlu, inkluz wara dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-13 ta’ Awissu 2004, quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjora Tieghu l-Onorevoli Prim’ Imhallef Vincent DeGeatano, fejn il-partijiet bhala genituri kellhom dan iz-zmien kollu sabiex jaslu ghall-ftehim onorevoli u dicenti ghat-tnejn li huma u fl-interess tal-minuri.

Rat in-nota tal-attrici datata 16 ta’ Mejju 2005 fejn l-attrici irtirat it-tieni talba fic-citazzjoni attrici kif jidher a fol. 400 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici “A” datata 16 ta’ Mejju 2005 a fol. 401 tal-process.

Rat it-twegiba tal-konvenut “B” datata 24 ta’ Gunju 2005 a fol. 412 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 17 ta’ Awissu 2005, fejn talab lil din il-Qorti biex ghar-ragunijiet imsemmija fil-process twessa’ l-access tieghu *a termini* ta’ dak stabbilit f’ punt numru 15 tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut stess u dan taht il-provedimenti li hi jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Lulju 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 24 ta’ Awissu 2005, a fol. 429 u fol. 430.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Awissu 2005, fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 29 ta’ Settembru 2005, fejn umilment talab lil din il-Qorti biex joghgobha tammetti zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala prova prodotta da parti tal-konvenut *ai fini* u effetti kollha tal-ligi u dana taht dawk il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Settembru 2005 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 6 ta’ Ottubru 2005 (seduta *stante*) fejn il-Qorti laqghat it-talba b’dan li ordnat li Dr. Edward Zammit Lewis jghaddi kopja ta’ l-istess dokumenti lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Ottubru 2005, fejn il-Qorti hadet nota tar-rikors tad-9 ta’ Novembru 2004, tad-digriet ta’ l-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia tat-2 ta’ Dicembru 2004 u tar-risposta ta’ l-attrici at-30 ta’ Novembru 2004. Dr. Edward Zammit Lewis irtira l-istess rikors tal-konvenut tas-9 ta’ Novembru 2004 minhabba l-istadju li kienet waslet fih il-kawza. Il-Qorti *in vista* ta’ dan astjeniet milli

tiehu aktar konjezzjoni ulterjuri tar-rikors. B’referenza ghar-rikors tad-29 ta’ Settembru 2005 Dr. Chris Cilia ghall-attrici ta ruhu b’notifikat bl-istess rikors u rrimmetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti. Il-Qorti laqghat it-talba *purche’* li Dr. Edward Zammit Lewis jghaddi kopja ta’ l-istess sentenzi lid-difensur tal-kontro-parti. Dr. Cilia preciza li d-digriet dwar l-access kien qed jigi osservat. B’referenza ghar-rikors tal-konvenut tal-21 ta’ Lulju 2004, Dr. Edward Zammit Lewis irtirah *stante* li f’dak iz-zmien tal-verbal dik il-kwistjoni kienet giet sorvolata. Il-Qorti ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess *pendente lite*. Dr. Chris Cilia esebixxa nota b’zewg dokumenti. Dr. Edward Zammit Lewis ma opponiex. Id-difensuri ddikjaraw li l-konvenut kien qed ihallas Lm15 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri. L-attrici talbet Lm30 fil-gimgha. Dr. Edward Zammit Lewis baqa’ jinsisti li l-manteniment jibqa’ ta’ Lm15 fil-gimgha. Dr. Edward Zammit Lewis ssottometta li kellu paga netta ta’ Lm406.56 fix-xahar. Dr. Cilia qal li jaqla’ aktar. *Invista* tas-seba’ talba l-Qorti stidnet lill-attrici biex tikkwantifika l-ammont ta’ arretrati li kienet qed titlob, b’ kopja lill-kontro-parti. Il-Qorti tat terminu ta’ 20 gurnata, bil-fakolta’ li Dr. Edward Zammit Lewis jirrispondi f’ terminu indentiku. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 12 ta’ Ottubru 2005, li permezz taghha ndikat l-ammont ta’ arretrati li hija qed tippretendi minghand il-konvenut.

Rat in-nota risponsiva tal-konvenut datata 18 ta’ Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fil-Ligi tal-Familja hija wahda mill-massima l-iktar importanti li f’kawzi bhal dik odjerna ghall-kura u kustodja u access ta’ l-ulied l-Qorti ghandha thares lejn dak li huwa l-ahjar interess tal-minuri u dan il-principju gie applikat

f`diversi sentenzi tal-Qrati taghna fosthom fis-sentenza **"Giovanna Antida Grech vs Joseph Grech"** (P.A. (VDG) 23 ta' Dicembru 1998 - Cit Nru 1710/94 VDG) kif ukoll fis-sentenza **"Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello"** (P.A. (VDG) 12 ta' Novembru 1999 -Cit Nru 709/95 VDG), u u fid-decizjoni **"Mary Agius vs Joseph Agius"** (A.C. 14 ta` Jannar 2002 – Cit Nru.127/97), li ghalihom qed issir referenza.

Illi f`din l-ahhar imsemmija decizjoni intqal:-

*"When determining any question relating to the child`s upbringing or the administration of his property or income, the child`s welfare is the Court`s paramount consideration."* **(Family Law – Second Edition – *Carol Crowdy*)**

Illi huwa llum fil-fatt assodat l-principju li l-interess tal-minuri ghandu jitpogga fuq kwalunkwe interess iehor, u f'dan il-kuntest jinghad li l-komportament tal-partijiet waqt il-kawza, huwa ta' importanza kbira jekk mhux determinanti fih innifsu fis-soluzzjoni tal-istess problemi, anke fejn jikkoncerna l-*ben essere* tal-istess ulied, tenut kont tal-fatt li kull darba li l-istess ulied jaraw lill-genituri taghhom jiggieldu jew ma jaqblux dan ikun sors kroniku ta' stress ghalihom, ghaliex f'hafna kazi, gie pruvat, anke minn inter-relazzjoni ma' l-istess minuri, li f'kull decizjoni li jaghmlu l-istess ulied, iridu jaraw jekk humiex ser joghgbu lill-genitur wiehed jewl-iehor, sitwazzjoni li hija hafna drabi difficli u intolerabbli anke ghall-persuni adulti, ahseb u ara ghall-minuri li jkun ghadu qed jifforma l-karattru tieghu.

Illi din hija realta' li sfortunatament spiss tintesa' mill-partijiet kollha fil-kawza u sahansitra mill-genituri stess ta' l-istess ulied u dan huwa kaz tipiku fejn mill-provi prodotti jidher li dahlet pika esegerata bejn il-partijiet tant li kawza ta' dan ma' hemm l-ebda dubju li bata' l-izjed l-istess minuri u dan johrog car mix-xhieda tas-*social workers* ta' l-Agenzija Appogg, inkluzi l-persuni li attendew ghal diversi laqghat li l-missier kellu ma' l-istess minuri meta l-access kien ghadu taht supervizzjoni konsegwenti ghar-rikors tal-konvenut datat 16 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **""B" vs "A""**

u ghad-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat l-1 ta’ Lulju 2003 (Digriet Numru 841/2003 – fol.45) fuq indikat ibbazat fuq rapporti li l-istess Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta kellha dakinhar quddiemha u dan apparti d-digriet Numru 184/2004 moghti wkoll mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili kif premess.

Illi jidher li ma’ hemm ebda dubju dwar il-pika li kien hemm bejn il-partijiet fejn jirrizulta wkoll li dan l-istess minuri u l-access tieghu kien is-sugget ta’ proceduri ulterjuri quddiem l-istess Sekond’Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta tant li dwar l-istess kien hemm ir-rikors numru 1478/2003 fl-ismijiet **““A” vs “B””** fejn hemm rapport tal-Psikologa tal-Familja Mariella Blackman B.A. (Hons) M.Sc.Psy (London) BPsS datat 3 ta’ Jannar 2003 u li l-attrici tghid fir-risposta taghha tad-19 ta’ Frar 2004 li kien prezentat (fol.59) fil-15 ta’ Jannar 2004, u  li jinsab esebiet f’dan il-process bhala Dok. “A” minn fol. 61 sa fol. 83 tal-process. Dan wassal ghal digriet iehor moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta’ Frar 2004 moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzpordi kif gja fuq indikat.

Illi ma’ hemm l-ebda dubju li waqt din il-kawza gie kkonfemrat mix-xhieda ta’ Carol Ellul jirrizulta li apparti l-pika bejn l-istess partijiet odjerni jidher li kien hemm anke indhil ta’ certu sostanza u determinanti minn omm l-attrici u hawn il-Qorti tirreferi mhux biss ghall-istess rapport ta’ l-imsemmija Mariella Blackman, izda wkoll ghal diversi xhieda moghtija mill-istess adetti ta’ l-Agenzija Appogg f’dawn l-atti proceswali u in partikolari x-xhieda ta’ l-imsemmija Carol Ellul *co-ordinator tas-supervised access visits* fl-Agenzija Appogg, inkluza t-testimonjanza taghha tal-15 ta’ Gunju 2004 u tas-7 ta’ Lulju 2004 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli, fejn hareg u rrizulta bl-iktar mod car li ghal dawk li huma relazzjonijiet tal-minuri mal-missier, l-istess minuri kien qed jigi nfluwenzat minn omm l-attrici “D”, u dan sahansitra anke bi kliem l-istess nanna materna tal-minuri kienet hija stess tghid lis-*supervisor* ta’ l-access li l-istess missier kellu f’dak iz-zmien mal-minuri.

Illi dan kien gja qed jigri fl-istadju meta l-koppja kontendenti f'din il-kawza kienet ghada qed tghix flimkien, u dan johrog car mir-rapport ta' l-imsemmija Mariella Blackman u dan jidher li kompla anke tul il-proceduri quddiem s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili iktar u iktar minn meta l-koppja odjerna ma baqghetx toqghod flimkien b'effett minn Marzu 2003; l-affarijiet ikkomplikaw ruhhom meta l-attrici waqfet l-access tat-tifel mal-konvenut f'Awissu 2003 u jidher li l-istess minuri kien affettwat minn dan id-disgwid bejn il-partijiet hemm animat kif deskritt mill-istess psikologa tant li l-access baqa' jsir b'supervizzjoni kif decretat bid-digriet ta' l-1 ta' Lulju 2003 ghalkemm l-istess psikologa issugeriet li l-istess access kull nhar ta' Hamis pero' bejn l-4.00.p.m. u is-7.00.p.m. L-istess psikologa ghamlet diversi suggerimenti ohra bl-iskop li l-access tal-missier jigi normalizzat, u li l-partijiet jigu fi qbil ghall-istess fl-interess tal-minuri, izda l-indhil li gja issemma u l-komportament ta' parti u ohra f'din il-kawza ghamilha iktar difficli ghall-minuri tant li l-istess minuri beda jsofri minn diversi sintomi tant li gie ezaminat ukoll minn esperti ohra minhabba l-konsegwenzi li kien qed isofri minhabba l-lejalta' tieghu lejn il-genituri tieghu t-tnejn, fejn kien qed isibha difficli, anke minhabba l-pressjoni li kienet qed issir fuqu li juri l-emozzjonijiet tieghu lejn il-genituri tieghu b'mod liberu ghaliex kien qed jibza' mir-reazzjoni li l-istess imgieba naturali tieghu setghet thalli.  Fil-fatt l-istess minuri jidher li gie ezaminat minn Dr. Joseph Cassar, psikjatra u minn Monica Xeureb, u jidher car li l-istess minuri soffra effettivament kemm mill-atti li saru quddiemu anke mill-genituri tieghu, specjalment il-glied quddiemu u pressjoni li saret fuqu anke minn omm l-attrici, b'dan li l-istess minuri kellu bzonn terapija ghalih ghaliex sahanistra kellu problemi sabiex jittratta l-messaggi konfliggenti li kien qed jircievi mill-genituri tieghu u mill-persuna fuq imsemmija.

Illi jidher li fil-fatt mix-xhieda ta' Janelle Spiteri Cremona tal-5 ta' Marzu 2004 li l-istess minuri meta ma' jkollu lil hadd li jipprova jinfuwenzah huwa kellu access posittiv ma' missieru (fol. 107).  L-istess *social workers* ta' l-Agenzija, u hawn il-Qorti qed tirreferi kemm ghall-istess *social workers* li kien jattendu ghas-sezzjonijiet ta' l-istess

tifel ma' missieru u wkoll is-*supervisors* taghhom, inkluz l-imsemmija Carol Ellul, *co-ordinator tas-supervised visits* ta' l-Agenzija Apogg, u s-social worker Therese Micallef, li f'dak iz-zmien kienet ma' l-istess Agenzija u hadmet mal-*Court Services,* li l-istess minuri kien jirrelata sew ma' missieru izda kellu problema minhabba dak li l-istess Carol Ellul irreferiet bhala *"dominanza tan-nanna fir-reports taghhom…."* (fol.233) u specjalment fejn l-istess persuna kienet qed tinfluwenza lill-istess tifel kontra missieru. Dan holoq fl-istess tifel dak li l-istess social workers isemmu u jindikaw bhala *"loyalty conflict"* li t-tifel kien qed jibza' juri l-emozzjoni tieghu lejn missieru u dan johrog car mix-xhieda moghtija mill-istess *social worker* fis-7 ta' Lulju 2004.

Illi minhabba f'dan l-istess social workers kienu qed jinsistu li l-access b'supervizzjoni kellu fl-interess tal-minuri jieqaf u fil-fatt jirrizulta li wara d-debita rikors mill-konvenut tali access b'supervizzjoni twaqqaf u l-missier beda jara lil ibnu kull nhar ta' Erbgha bejn il-5.00.p.m. u s-7.00.p.m. u kull nhar ta' Sibt mill-10.00.a.m. sa' nofsinhar b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi datat 24 ta' Settembru 2004 – kollox kif indikat a fol. 307 tal-process u ma' hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li huwa ta' interess ta' l-istess minuri li jkollu access ukoll ghal missieru. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda kollha newtwali f'din il-kawza u l-esperti u s-*social workers* kollha li kellhom x'jaqmsu ma' dan il-kaz; anzi din il-Qorti thoss li l-istess partijiet kellhom fejn bl-ghajnuna moghtija jasslu ghall-ftehim fl-interess tal-minuri dwar il-kura u kustodja u l-access ta' l-istess, izda minkejja ir-rakkomandazzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta u dan f'diversi okkazzjonijiet u anke ta' din il-Qorti diversament presjeduta, u minkejja l-assistenza li nghatat lill-istess koppja mis-*social workers* ta' l-Agenzija Appogg, u wkoll mill-esperti l-ohra li kellhom x'jaqsmu ma' dan it-tifel, u li ssemew u anke whud minnhom xehdu f'din il-kawza, l-istess partijiet xorta wahda baqghu jgibu l-pika taghhom u bejniethom fuq kollox inkluz fuq l-interess ta' binhom, anke peress li l-familjari rispettivi taghhom, baqaw jgebdu lejn in-naha taghhom, ghalkemm l-attrici f'dan l-isfond irtirat t-tieni

talba tac-citazzjoni attrici kif jidher min-nota tas-16 ta' Mejju 2005 a fol. 400 tal-process.

Illi din il-Qorti thoss li din il-kwistjoni b'naqra riedha tajba setghet facilment tigi rizolta kieku vera l-partijiet riedu l-interess tal-minuri li jirbah fuq il-pika taghhom u setghu wkoll ghamlu uzu ahjar mill-assistenza u ghajnuna li naghat lilhom mill-esperti kollha involuti f'dan il-kaz, inkluz psikologi, gudikanti, *social workers* u l-Agenzija Appogg, u kieku l-istess partijiet ghazlu li jimmedjaw u jirrangaw dawk li huma d-differenzi ta' bejniethom. Izda dan ma sehhx u kull parti ghazlet li tibqa' zzomm ferm fuq il-*'punt'* taghha bi hsara ghall-istess minuri, ghaliex l-iktar haga li jidher li l-istess tifel xtaq kien biss li jara almenu lill-genituri tieghu jaqblu dwaru; haga li ma sehhitx minhabba l-attitudini negattiva taz-zewg partijiet anke riflessa fl-ahhar atti tal-kontendenti prezentati quddiem din il-Qorti. Din hija kwistjoni cara, tant li l-istess l-minuri indika lill-genituri tieghu, anke permezz tas-*social workers* li haddmu mieghu u wkoll il-psikologi u esperti ohra li taw kura jew ezaminaw lill-minuri, li xtaq li ommu u missieru jaqblu dwaru, izda l-istess genituri tieghu cahduh minn dan u ghalhekk din il-Qorti sejra taghti din is-sentenza abbazi ta' dak kollu li rat u semghet f'din il-kawza fl-interess tal-minuri.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li fid-dawl ta' dan kollu u anke fuq l-iskorta tas-sentenzi **"Jennifer Portelli proprju et nomine vs John Portelli"** (P.A. (RCP) 25 ta' Gunju 2003), **"Mary Grace Borg proprio et nomine vs George Borg"** (P.A. (RCP) 24 ta' Frar 2004), u **Frieda Grima vs Charles Grima"** (P.A. (RCP) 24 ta' Frar 2004) il-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata konguntivament f'idejn il-missier u l-omm b'dan li decizjonijiet dwar sahha, edukazzjoni, u kull decizjoni ta' importanza dwar l-istess minuri ghandha tittiehed flimkien bejn il-partijiet, b'dan pero' li l-istess minuri ghandu jibqa' jirresjedi ma' l-omm u l-missier ikollu access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha bejn il-5.00.p.m. sat-8.00.p.m. u darba is-Sibt u darba il-Hadd, (b'mod alternattiv) mill-11.00.a.m. sa' l-4.00.p.m. b'dan li l-istess minuri jingieb u jittiehed lura mill-missier mir-residenza attwali ta' l-omm u din il-Qorti tordna

li dan l-arrangament ta’ kura u kustodja u access ta’ l-istess minuri jigi monitorjat mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet u tordna lil kull parti sabiex tinnotifika din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma’ l-istess ghall-interess tal-minuri u tara li l-istess *social workers* taghha jibqaw in kuntatt dirett mat-tifel minuri sabiex jaraw li hadd, inkluz l-partijiet u l-familjari taghhom, ma’ jippruvaw b’xi mod jiddominaw lill-istess minuri. Tordna lill-partijiet sabiex a spejjez taghhom jinnotifikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Tfal.

Ili dwar manteniment ghall-minuri din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad fil-kawza fl-ismijiet **“Anna Galea f’isimha proprju u *nomine* vs Joseph Borg”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Dicembru 2004) fejn gie affermat li tenut kont ta’ l-**artikolu 20 tal-Kap 16 u 93 u 95 tal-Kap 16** din il-Qorti tafferma li ma’ hemm l-ebda dubju li z-zewg genituri ghandhom id-dmir li jipprovdu ghall-manteniment ta’ uliedhom. Ma hemm lanqas l-ebda dubju, u dan minkejja dak li qed jghid l-konvenut, li l-istess attrici qed terfa’ l-piz principali tat-trobbija u ta’ manteniment ta’ l-istess iben, ghaliex jekk jigi kkonsidrat li l-konvenut kull ma’ qed jikkontribwixxi ghall-istess iben sallum hija s-somma ta’ sittin lira Maltija (Lm60) kull erba’ gimghat, ghaliex bhalissa l-konvenut qed ihallas manteniment ta’ hmistax-il lira Maltija (Lm15) fil-gimgha u dan wara digriet tas-Sekond’Awla ral-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi datat 17 ta’ Frar 2004 – Digriet Numru 184/2004.

Illi ghal dawk li huma principji li ghandhom jirregolaw dan il-kaz din il-Qorti tirreferi ghad-decizjonijiet citati mill-attrici fl-ismijiet **“Georgina Schembri proprio et nomine vs Dino Schembri”** (P.A. 28 ta’ Novembru 2002), **“Jennifer Portelli proprju et nomine vs John Portelli”** (P.A. (RCP) 25 ta’ Gunju 2003), u jigi ndikat li l-kontribuzzjoni ghall-mantiniment tvarja minn kaz ghall-kaz u hafna jiddependi mill-mezzi tal-genituri rispettivi u l-bzonnijiet ta’ l-istess minuri, u thoss li f’dan il-kaz sallum kienet l-omm li minkejja li ma tahdimx kienet tipprovdi l-iktar ghall-manteniment ta’ l-istess minuri u l-istess konvenut issa

qed ihallas is-somma minnu indikata ta’ manteniment skond l-ahhar digriet tas-17 ta’ Frar 2004 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u qabel kien ihallas l-ammont ta’ manteniment ta’ ghaxar liri Maltija (Lm10) fil-gimgha u dan inforza tad-digriet tas-Sekond’Awla datat l-1 ta’ Lulju 2003.

Illi din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz l-konvenut ittenta u qed jipprova jikkontribwixxi l-minimu possibbli bhala manteniment ghall-minuri u dan meta l-introjtu tieghu kif indikat anke fl-istatments ta’ paga esebiti fl-atti processwali odjerni inkluzi dawk a fol. 98, 100, 290,291, 292, 359, 360, 361, 362 u 363 tal-process u dokumenti ohra li saret referenza ghalihom l-attrici fin-nota ta’ osservazjonijiet taghha tas-16 ta’ Mejju 2005, u in partikolari f’paragrafi 17, 18, u 19 ta’ l-istess nota ( apparti dak indikat fin-nota ta’ l-istess konvenut datata 24 ta’ Gunju 2005 – fol. 420-421) jindikaw li l-introjtu tal-konvenut huwa wiehed sostanzjali u din il-Qorti thoss li l-ammont ta’ kontribuzzjoni ta’ manteniment li l-attrici qed titlob ghall-minuri minghand zewgha huwa ragonevoli u gustifikat u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex b’effett mid-data ta’ din is-sentenza ihallas bhala manteniment ghall-minuri l-ammont ta’ tlettin lira Maltija fil-gimgha, pagabbli kull erba’ gimghat bil-qudddiem b’effett mid-data ta’ din is-sentenza fir-residenza ta’ l-attrici u l-istess ammont ghandu jithallas billi l-istess ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ binha fir-residenza taghha u u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* ta’ l-istess konvenut, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu ma’ l-istess ordni hawn moghtija. Ovvjament dan qed jigi deciz ghaliex hawn ma huwiex qed jigi deciz manteniment biss *pendente lite* izda manteniment wara kawza b’decizjoni li ghandu jorbot lill-partijiet ghal zmien itwal minn dak sempliciment waqt il-mori tal-kawza.

Illi din id-decizjoni qed tittiehed ukoll fid-dawl ta’ dak li gie affermat fis-sentenzi citati mill-konvenut ta’ **“Lea Tabone vs Jesmond Tabone”** (P.A. 2 ta’ Ottubru 2003) u

**"Marthese Vella proprio et nomine vs George Vella"** (P.A. – 28 ta' Frar 2003) u fejn allura din il-Qorti thoss li l-attici qed tikkontribwixxi u ser tkompli tikkontribwixxi bil-mezzi taghha ghall-manteniment ta' l-istess minuri b'dan ghalhekk li l-ammont hawn indikat huwa l-kontribuzzjoni ta' l-istess konvenut ghall-manteniment ta' l-istess minuri.

Illi dwar is-sitt u s-seba' talba attrici jirrizulta li l-istess konvenut hallas l-manteniment *pendente lite* kif ordnat mill-istess Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili permezz tad-digrieti fuq indikati Numru 184/2004 u 841/2003, it-tnejn moghtija mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi u dan ovvjament skond id-dokumenti li kienu gew sottomessi u fid-dawl tal-konsiderazzonijiet li tali decizjoniet ittiehdu kemm qabel giet istwieta din il-kawza u waqt il-pendenza wkoll ta' din il-kawzi, u ghalhekk la darba l-istess konvenut aderixxa ruhu ma' l-istess digrieti din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici f'dan l-aspett huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi dwar dewmien ta' kawza din il-Qorti thoss li tali dewmien fil-gbir tal-provi kien dovut minhabba l-pika esegerata taz-zewg partijiet kemm fil-kuntest ta' kura u kustodja u access u kemm fl-iffissar ta' manteniment, u ghalhekk anke f'dan l-isfond l-argument ta' l-attrici ma jregghiex.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici *stante* li l-istess talba giet irtirata mill-attrici, u filwaqt li tichad is-sitt u s-seba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici** l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. u 3. Taffida l-kura u kustodja tal-minuri "C" konguntivament f'idejn il-missier u l-omm b'dan li decizjonijiet dwar sahha, edukazzjoni, u kull decizjoni ta' importanza dwar l-istess minuri ghandha tittiehed flimkien bejn il-partijiet, b'dan pero' li l-istess minuri ghandu jibqa' jirresjedi ma' l-omm u tordna li l-missier ikollu access

ghall-istess minuri kull nhar ta’ Erbgha bejn il-5.00.p.m. sat-8.00.p.m. u darba s-Sibt u darba l-Hadd, (b’mod alternattiv) mill-11.00.a.m. sa’ l-4.00.p.m. b’dan li l-istess minuri jingieb u jittiehed lura mill-missier mir-residenza attwali ta’ l-omm, u din il-Qorti tordna li dan l-arrangament ta’ kura u kustodja u access ta’ l-istess minuri jigi monitorjat mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet, u tordna lil kull parti sabiex tinnotifika din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma’ l-istess ghall-interess tal-minuri u tara li l-istess *social workers* taghha jibqghu in kuntatt dirett mat-tifel minuri sabiex jaraw li hadd, inkluz il-partijiet u l-familjari taghhom, ma jippruvaw b’xi mod jiddominaw lill-istess minuri. Tordna lill-partijiet sabiex a spejjez taghhom jinnotifikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tat-Tfal;

4, 5, u 8 Tiddikjara li z-zewg partijiet huma obbligati bhala omm u missier li jikkontribiwixxu ghall-manteniment ta’ l-istess minuri u peress li l-minuri qed jghix ma’ l-omm, hija l-omm li qed tikkontribwixxi bil-mezzi taghha ghall-istess manteniment tal-minuri, b’dan pero’ li din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici kwantu ghall-obbligu tal-konvenut bhala missier li jikkontribiwixxi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri ghandhom jigu milqugha, u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex b’effett mid-data ta’ din is-sentenza ihallas bhala kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment ghall-minuri l-ammont ta’ tlettin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem b’effett mid-data ta’ din is-sentenza fir-residenza ta’ l-attrici, u l-istess ammont ghandu jithallas billi l-istess ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ binha fir-residenza taghha, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* ta’ l-istess konvenut, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu ma’ l-istess ordni hawn moghtija.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b’dan ukoll li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-

proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attrici thallas is-somma ta' tlett mitt Maltija (Lm300) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Civili, lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------